Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2025/389

24.2.2025

**REGOLAMENT TA’ IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2025/389**

**tal-24 ta’ Frar 2025**

**li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta’ azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 269/2014 tas-17 ta’ Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta’ azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna ([1]), u b’mod partikolari l-Artikolu 14(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta’ Sigurtà,

Billi:

(1) Fis-17 ta’ Marzu 2014, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) Nru 269/2014.

(2) Fil-konklużjonijiet tiegħu tad-19 ta’ Diċembru 2024, il-Kunsill Ewropew tenna l-kundanna qawwija tiegħu tal-gwerra ta’ aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, li tikkostitwixxi ksur ċar tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti, u afferma mill-ġdid l-appoġġ tiegħu li jibqa’ jingħata għall-indipendenza, is-sovranità u l-integrità territorjali tal-Ukrajna fi ħdan il-fruntieri rikonoxxuti internazzjonalment tagħha. Il-Kunsill Ewropew iddikjara li l-isforzi sabiex tkompli tiġi limitata l-kapaċità tar-Russja li tiġġieled gwerra jridu jkomplu. Huwa esprima wkoll ir-rieda tal-Unjoni li żżid il-pressjoni fuq ir-Russja, inkluż billi timponi aktar sanzjonijiet.

(3) Fid-dawl tal-gravità tas-sitwazzjoni, huwa xieraq li jiġu adottati aktar miżuri restrittivi.

(4) B’mod partikolari, il-Kunsill iqis li jenħtieġ li 48 persuna u 35 entità responsabbli għal azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna jiżdiedu fil-lista ta’ persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi soġġetti għal miżuri restrittivi li tinsab fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 269/2014.

(5) Għalhekk jenħtieġ li r-Regolament (UE) Nru 269/2014 jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 269/2014 huwa emendat f’konformità mal-Anness ta’ dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta’ Frar 2025.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

K. KALLAS

([1]) ĠU L 78, 17.3.2014, p. 6, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2014/269/oj.

*ANNESS*

Il-persuni u l-entitajiet li ġejjin jiżdiedu mal-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi li tinsab fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 269/2014:

Persuni

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| "1880. | Evgenii Anatolevich DRONOV<br><br>bir-Russu: Евгений Анатольевич ДРОНОВ | Funzjoni: Direttur Ġenerali ta' JSC Tula Machine Building Plant<br><br>Data tat-twelid: 20.10.1947<br><br>Nazzjonalità: Russa<br><br>Sess: raġel<br><br>Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 710600768047<br><br>Entità assoċjata: JSC Tula Machine Building Plant (magħrufa wkoll bħala Tulamashzavod) | Evgenii Dronov huwa d-Direttur Ġenerali ta' JSC Tula Machine Building Plant (magħrufa wkoll bħala Tulamashzavod). JSC Tula Machine Building Plant hija manifattur tad-difiża Russu bi speċjalizzazzjoni fil-produzzjoni ta' tagħmir militari avvanzat, b'mod partikolari fil-qasam tal-armi kontra l-inġenji tal-ajru u s-sistemi tal-artillerija. Il-kumpanija hija responsabbli għall-iżvilupp u l-manifattura ta' diversi sistemi ta' difiża ewlenin, inkluż is-sistema tal-missili u l-artillerija kontra l-inġenji tal-ajru KASHTAN, is-sistema tal-artillerija kontra l-inġenji tal-ajru PALMA, u firxa ta' kanuni awtomatiċi ta' 30 mm u mitraljatriċijiet bħall-Gryazev-Shipunov GSh-6-30 u 2A72. Dawk is-sistemi huma integrati f'diversi pjattaformi militari, inkluż vetturi tal-ġlied tal-infanterija bħall-BMP-3 u l-BTR-80A, u huma mmuntati wkoll fuq assi strateġiċi bħall-aircraft carrier tal-klassi Kuznetsov.<br><br>Il-prodotti tal-kumpanija ġew skjerati b'mod attiv f'diversi operazzjonijiet militari, inkluż il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, fejn ġie rrappurtat li nqerdu diversi sistemi bħall-vetturi tal-ġlied tal-infanterija BMP-3 u s-sistemi ta' missili mill-wiċċ għall-ajru Pantsir-S1.<br><br>Għalhekk, Evgenii Dronov qed jappoġġa azzjonijiet li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 24.2.2025 |

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 1881. | Yan Valentinovych NOVIKOV<br>bir-Russu: Ян Валентинович НОВИКОВ | Funzjoni: Direttur Ġenerali ta' JSC Almaz-Antey air and space defence corporation<br>Data tat-twelid: 3.10.1959<br>Post tat-twelid: Leningrad, USSR (issa St. Petersburg, Russian Federation)<br>Nazzjonalità: Russa<br>Sess: raġel<br>Entità assoċjata: JSC Almaz-Antey air and space defence corporation | Yan Novikov huwa Direttur Ġenerali ta' JSC Almaz-Antey air and space defence corporation ("Almaz-Antey"). Almaz-Antey hija kumpanija ewlenija fi ħdan il-kumpless militari-industrijali Russu. Il-kumpaniji fl-istruttura azzjonarja ta' Almaz-Antey jipproduċu diversi tipi ta' hardware u tagħmir tad-difiża li jintużaw mill-Forzi Armati Russi fil-gwerra ta' aggressjoni tagħhom kontra l-Ukrajna.<br>Għalhekk, Yan Novikov qed jappoġġa azzjonijiet li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Huwa assoċjat ukoll ma' JSC Almaz-Antey air and space defence corporation. | 24.2.2025 |
| 1882. | Igor Vladimirovich ZYUZIN<br>bir-Russu: Игорь Владимирович ЗЮЗИН | Funzjoni: President tal-Bord tad-Diretturi ta' Mechel PAO<br>Data tat-twelid: 29.5.1960<br>Post tat-twelid: Kimovsk, USSR (issa Russian Federation)<br>Nazzjonalità: Russa<br>Sess: raġel | Igor Zyuzin huwa negozjant Russu, b'interessi kummerċjali fis-setturi tal-mineral tal-ħadid u tal-azzar, tal-faħam u tal-enerġija. Igor Zyuzin huwa azzjonist ewlieni u President tal-Bord tad-Diretturi ta' Mechel PAO, kumpanija kbira Russa tal-estrazzjoni u tal-metalli involuta f'attivitajiet upstream u downstream fis-setturi Russi tal-estrazzjoni, tal-metalli u tal-enerġija. B'mod partikolari, Mechel PAO hija waħda mill-kumpaniji ewlenin Russi tal-esportazzjoni tal-faħam. Dawk is-setturi ekonomiċi jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa.<br>Għalhekk, Igor Zyuzin huwa negozjant Russu involut f'setturi ekonomiċi li jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa. | 24.2.2025 |

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 1883. | Dmitry Yurievich LELIKOV<br>bir-Russu: Дмитрий Юрьевич ЛЕЛИКОВ | Funzjoni: Viċi Direttur Ġenerali ta' Rostec u membru tal-Bord ta' Tmexxija ta' Rostec<br>Data tat-twelid: 9.5.1968<br>Post tat-twelid: Grozny, USSR (issa Russian Federation)<br>Nazzjonalità: Russa<br>Sess: raġel | Dmitry Lelikov huwa Viċi Direttur Ġenerali ta' Rostec u membru tal-Bord ta' Tmexxija ta' Rostec. Rostec hija kumpanija ewlenija fi ħdan il-kumpless militari-industrijali Russu u tipproduċi diversi tipi ta' hardware u tagħmir tad-difiża li jintużaw mill-Forzi Armati Russi fil-gwerra ta' aggressjoni tagħhom kontra l-Ukrajna.<br>Għalhekk, Dmitry Lelikov qed jappoġġa azzjonijiet li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 24.2.2025 |
| 1884. | Ivan Georgyevich ANTSEV<br>bir-Russu: Иван Георгиевич АНЦЕВ | Funzjoni: Direttur Eżekuttiv ta' JSC NPP Radar MMS<br>Data tat-twelid: 4.8.1985<br>Post tat-twelid: Leningrad, USSR (issa St. Petersburg, Russian Federation)<br>Nazzjonalità: Russa<br>Sess: raġel | Ivan Antsev huwa d-Direttur Eżekuttiv ta' JSC NPP Radar MMS, li tipproduċi sistemi tal-ajru mingħajr bdot abbord fir-Russja. Xi whud minn dawk is-sistemi jinkludu droni mhux militari, magħmula disponibbli wkoll għall-forzi armati Russi biex jintużaw fil-kuntest tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. JSC NPP Radar MMS taħdem taħt kuntratti tal-gvern Russu u tikkoopera mal-industrija militari u tad-difiża. Bħala d-Direttur Eżekuttiv ta' JSC NPP Radar MMS, Ivan Antsev għandu kontroll eżekuttiv aħħari fuq dik il-ħidma.<br>Billi assuma u aġixxa f'din il-kapaċità, Ivan Antsev qed jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 24.2.2025 |

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 1885. | Andrii Leonidovich DERKACH<br>bir-Russu: Андрей Леонидович ДЕРКАЧ<br>bl-Ukren: Андрій Леонідович ДЕРКАЧ | Funzjoni: Senatur tal-Federation Council<br>Data tat-twelid: 19.8.1967<br>Post tat-twelid: Dnipropetrovsk, USSR (issa Dnipro, Ukraine)<br>Nazzjonalità: Russa<br>Sess: raġel | Andrii Derkach huwa eks politiku Ukren, u ilu Senatur tal-Kunsill Federali mit-12 ta' Settembru 2024 u membru tal-Kumitat għad-Difiża u s-Sigurtà ta' dak il-Kunsill mit-23 ta' Ottubru 2024. Minn mindu sar Senatur, huwa appoġġa politiki li jikkontribwixxu għall-annessjoni illegali tal-Krimea mir-Russja u għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Matul iż-żmien tiegħu bħala membru tal-parlament tal-Ukrajna qabel l-2022, huwa appoġġa b'mod attiv lill-Gvern Russu billi kkollabora mad-Direttorat Prinċipali tal-Intelligence tal-Istat Maġġur tal-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa (GRU). Andrii Derkach irċieva fondi mill-GRU biex joħloq kumpaniji tas-sigurtà privata li r-Russja kien biħsiebha tużahom biex tinvadi lill-Ukrajna.<br>Billi assuma u aġixxa f'din il-kapaċità, Andrii Derkach qed jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 24.2.2025 |
| 1886. | Vasily Yuryevich BROVKO<br>bir-Russu: Василий Юрьевич БРОВКО<br>bl-Ukren: Василь Юрійович БРОВКО | Funzjoni: Direttur għar-riċerka strateġika u l-komunikazzjoni f'Rostec<br>Data tat-twelid: 2.6.1987<br>Post tat-twelid: Zhukovsky (Moscow region), USSR (issa Russian Federation)<br>Nazzjonalità: Russa<br>Sess: raġel<br>Numru tal-passaport: 514408357 | Vasily Brovko huwa d-Direttur għar-riċerka strateġika u l-komunikazzjoni f'Rostec, il-korporazzjoni ewlenija Russa tad-difiża u tal-manifattura industrijali kkontrollata mill-istat. Huwa jissejjaħ ukoll Direttur għall-Proġetti Speċjali, li effettivament jagħmluh responsabbli għall-ħidma tal-IT u tar-relazzjonijiet pubbliċi tal-kumpanija, inkluż ir-relazzjonijiet pubbliċi għall-president ta' Rostec Sergei Chemenzov.<br>Rostec hija kumpanija ewlenija fi ħdan il-kumpless militari-industrijali Russu, li tipproduċi diversi tipi ta' hardware u tagħmir tad-difiża li jintużaw mill-Forzi Armati Russi fil-gwerra ta' aggressjoni tagħhom kontra l-Ukrajna.<br>Għalhekk, Vasily Brovko qed jappoġġa azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 24.2.2025 |

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 1887. | Igor Gennadievich KUDRYASHKIN<br><br>bir-Russu: Игорь Геннадьевич КУДРЯШКИН | Funzjoni: Azzjonist u Direttur Kummerċjali ta' Ural Mining and Metallurgical Company<br><br>Data tat-twelid: 22.11.1967<br><br>Post tat-twelid: Kirovgrad, Sverdlovsk Oblast, USSR (issa Russian Federation)<br><br>Nazzjonalità: Russa<br><br>Sess: raġel<br><br>Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 772871895851 | Igor Kudryashkin huwa negozjant Russu b'interessi kummerċjali estensivi fis-setturi Russi tal-estrazzjoni u tal-metalli. B'mod partikolari, Kudryashkin huwa azzjonist u Direttur Kummerċjali ta' Ural Mining and Metallurgical Company, kumpanija kbira Russa involuta fis-setturi Russi tal-estrazzjoni u tal-metalli. Dawk is-setturi ekonomiċi jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa.<br><br>Għalhekk, Igor Kudryashkin huwa negozjant Russu involut f'setturi ekonomiċi li jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa. | 24.2.2025 |
| 1888. | Eduard Aleksandrovich CHUKHLEBOV<br><br>bir-Russu: Эдуард Александрович ЧУХЛЕБОВ | Funzjoni: Koproprjetarju ta' Ural Mining and Metallurgical Company<br><br>Data tat-twelid: 10.4.1962<br><br>Post tat-twelid: Moscow, USSR (issa Russian Federation)<br><br>Nazzjonalità: Russa<br><br>Sess: raġel<br><br>Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 772818158789 | Eduard Chukhlebov huwa negozjant Russu b'interessi kummerċjali estensivi fis-setturi Russi tal-estrazzjoni u tal-metalli. B'mod partikolari, Chukhlebov huwa koproprjetarju ta' Ural Mining and Metallurgical Company, kumpanija kbira Russa involuta fis-setturi Russi tal-estrazzjoni u tal-metalli. Dawk is-setturi ekonomiċi jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa.<br><br>Għalhekk, Eduard Chukhlebov huwa negozjant Russu involut f'setturi ekonomiċi li jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa. | 24.2.2025 |
| 1889. | Yury Petrovich NIMCHENKO<br><br>bir-Russu: Юрий Петрович НИМЧЕНКО<br><br>bl-Ukren: Юрій Петрович НІМЧЕНКО | Funzjoni: Senatur tal-Federation Council tar-"Republic of Crimea" annessa illegalment<br><br>Data tat-twelid: 4.6.1980<br><br>Post tat-twelid: Bukvarka, USSR (issa Ukraine)<br><br>Nazzjonalità: Russa<br><br>Sess: raġel | Yury Nimchenko ilu mit-12 ta' Settembru 2024 Senatur tal-Kunsill Federali tar-"Repubblika tal-Krimea" annessa illegalment u huwa Membru tal-Kumitat għad-Difiża u s-Sigurtà tal-Kunsill Federali. Huwa veteran tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, fejn kellu rwol ta' sewwieq ta' tank u għal dan ingħata t-titolu ta' "Eroj tar-Russja" mill-President tal-Federazzjoni Russa.<br><br>Billi assuma u aġixxa f'din il-kapaċità, huwa qed jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 24.2.2025 |

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 1890. | Sergey Alexandrovich KARYAKIN<br><br>bir-Russu: Сергей Александрович КАРЯКИН<br><br>bl-Ukren: Сергій Олександрович КАРЯКІН | Funzjoni: Senatur tal-Federation Council tar-"Republic of Crimea" annessa illegalment<br><br>Data tat-twelid: 12.1.1990<br><br>Post tat-twelid: Simferopol, USSR (issa Ukraine)<br><br>Nazzjonalità: Russa<br><br>Sess: raġel | Sergey Karyakin ilu mit-12 ta' Settembru 2024 Senatur tal-Kunsill Federali Russu, u jirrappreżenta lill-Krimea annessa illegalment. Qabel kien Grandmaster taċ-ċess, u ġie sospiż minħabba d-dikjarazzjonijiet tiegħu b'appoġġ għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Huwa kompla jappoġġa l-gwerra, inkluż billi ppubblika ittra miftuħa lill-President Vladimir Putin, ivvjaġġa lejn it-territorji Ukreni okkupati mir-Russja u ġabar provvisti militari b'appoġġ għall-Forzi Armati Russi. Għal dawn l-azzjonijiet, ingħata l-midalja tal-Federazzjoni Russa "Għall-Mertu lejn il-Patrija".<br><br>Billi assuma u aġixxa f'din il-kapaċità, huwa qed jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 24.2.2025 |
| 1891. | Yan Vitalyevich LESHCHENKO<br><br>bir-Russu: Ян Витальевич ЛЕЩЕНКО | Funzjoni: Deputat tal-hekk imsejjaħ "Kunsill tal-Poplu" tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk"<br><br>Data tat-twelid: 1.9.1980<br><br>Post tat-twelid: Voroshilovgrad, USSR (issa Luhansk, Ukraine)<br><br>Nazzjonalità: Russa<br><br>Sess: raġel | Yan Leshchenko huwa deputat tal-hekk imsejjaħ "Kunsill tal-Poplu" tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk". Leshchenko huwa wkoll il-koordinatur reġjonali tal-azzjonijiet tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna fit-territorju okkupat ta' Luhansk. Huwa appoġġa l-gwerra f'azzjonijiet u f'dikjarazzjonijiet pubbliċi, inkluż l-appoġġ għal attakki speċifiċi mir-Russja fit-territorju Ukren.<br><br>Billi assuma u aġixxa f'din il-kapaċità, huwa qed jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 24.2.2025 |
| 1892. | Anna Borissovna SOROKA<br><br>bir-Russu: Анна Борисовна СОРОКА | Funzjoni: L-hekk imsejħa Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem fl-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk"<br><br>Data tat-twelid: 26.5.1980<br><br>Nazzjonalità: Russa<br><br>Sess: mara | Anna Soroka ilha l-hekk imsejħa Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem fl-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk" minn Mejju 2024. Qabel dan, ħadmet bħala Assistenta għall-hekk imsejjaħ "Kap tar-Repubblika" fl-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk".<br><br>Billi assumiet u aġixxiet f'din il-kapaċità, hija qed tappoġġa u timplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 24.2.2025 |

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 1893. | Anna Valeryevna LISITSYNA<br>bir-Russu: Анна Валерьевна ЛИСИЦЫНА | Funzjoni: Deputat tal-hekk imsejjaħ "Kunsill tal-Poplu" tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk"<br>Data tat-twelid: 4.3.1988<br>Post tat-twelid: Voroshilovgrad, USSR (issa Luhansk, Ukraine)<br>Nazzjonalità: Russa<br>Sess: mara | Anna Lisitsyna hija deputat tal-hekk imsejjaħ "Kunsill tal-Poplu" tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk" u membru tal-Kumitat tiegħu għall-Kostruzzjoni, l-Akkomodazzjoni u l-Utilitajiet, l-Enerġija, it-Trasport u l-Komunikazzjoni.<br>Billi assumiet u aġixxiet f'din il-kapaċità, hija qed tappoġġa u timplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 24.2.2025 |
| 1894. | Svetlana Yanovna ALYOSHINA<br>bir-Russu: Светлана Яновна АЛЁШИНА<br>magħrufa wkoll bħala Svetlana Yanovna ALESHINA | Funzjoni: Deputat tal-hekk imsejjaħ "Kunsill tal-Poplu" tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk"<br>Data tat-twelid: 2.11.1964<br>Post tat-twelid: Stakhanov, USSR (issa Kadiivka, Ukraine)<br>Nazzjonalità: Russa<br>Sess: mara | Svetlana Alyoshina hija deputat tal-hekk imsejjaħ "Kunsill tal-Poplu" tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk" u membru tal-Kumitat tiegħu għall-Kostruzzjoni, l-Akkomodazzjoni u l-Utilitajiet, l-Enerġija, it-Trasport u l-Komunikazzjoni.<br>Billi assumiet u aġixxiet f'din il-kapaċità, hija qed tappoġġa u timplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 24.2.2025 |

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 1895. | Anatoly Alexandrovich TURCHAK<br><br>bir-Russu: Анатолий Александрович ТУРЧАК | Funzjoni: President u proprejtarju ta' JSC "Holding Company 'Leninetz'"<br><br>Data tat-twelid: 28.7.1945<br><br>Post tat-twelid: Leningrad, USSR (issa St. Petersburg, Russian Federation)<br><br>Nazzjonalità: Russa<br><br>Sess: raġel<br><br>Entitajiet assoċjati:<br><br>— PJSC "Central Scientific and Production Association 'Leninetz'"<br><br>— JSC "Holding Company 'Leninetz'" | Anatoly Turchak huwa l-azzjonist prinċipali u President ta' JSC "Holding Company 'Leninetz'", entità Russa li tikkontrolla lil PJSC "Central Scientific and Production Association 'Leninetz'" (PJSC CSPA Leninetz).<br><br>PJSC CSPA Leninetz hija kumpanija Russa speċjalizzata fl-iżvilupp u l-produzzjoni ta' tagħmir tar-radar u tan-navigazzjoni, inkluż għall-benefiċċju tal-militar Russu. B'mod partikolari, PJSC CSPA Leninetz hija involuta fil-produzzjoni u l-iżvilupp tar-radar mill-ajru Zaslon, li b'mod partikolari jattrezza inġenji tal-ajru MiG-31 użati mill-militar Russu fl-Ukrajna.<br><br>Għalhekk, Anatoly Turchak qed jappoġġa azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 24.2.2025 |
| 1896. | Boris Anatolyevich TURCHAK<br><br>bir-Russu: Борис Анатольевич ТУРЧАК | Funzjoni: Direttur Ġenerali ta' JSC "Holding Company 'Leninetz'"<br><br>Data tat-twelid: 1970<br><br>Nazzjonalità: Russa<br><br>Sess: raġel<br><br>Individwi assoċjati: Anatoly Alexandrovich Turchak<br><br>Entitajiet assoċjati:<br><br>— PJSC "Central Scientific and Production Association 'Leninetz'"<br><br>— JSC "Holding Company 'Leninetz'" | Boris Turchak huwa d-Direttur Ġenerali ta' JSC "Holding Company 'Leninetz'", entità Russa proprjetà ta' missieru, Anatoly Turchak, u li tikkontrolla lil PJSC "Central Scientific and Production Association 'Leninetz'" (PJSC CSPA Leninetz). Boris Turchak huwa wkoll azzjonist ta' PJSC CSPA Leninetz.<br><br>PJSC CSPA Leninetz hija kumpanija Russa speċjalizzata fl-iżvilupp u l-produzzjoni ta' tagħmir tar-radar u tan-navigazzjoni, inkluż għall-benefiċċju tal-militar Russu. B'mod partikolari, PJSC CSPA Leninetz hija involuta fil-produzzjoni u l-iżvilupp tar-radar mill-ajru Zaslon, li b'mod partikolari jattrezza inġenji tal-ajru MiG-31 użati mill-militar Russu fl-Ukrajna.<br><br>Għalhekk, Boris Turchak qed jappoġġa azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Huwa assoċjat ukoll ma' Anatoly Turchak. | 24.2.2025 |

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 1897. | Igor Valentinovich KAZAREZOV<br><br>bir-Russu: Игорь Валентинович КАЗАРЕЗОВ | Funzjoni: President taċ-Ċentru għat-Taħriġ Sportiv Militari u l-edukazzjoni patrijottika taż-żgħażagħ ”WARRIOR”<br><br>Data tat-twelid: 1965<br><br>Post tat-twelid: Azov, USSR (issa Russian Federation)<br><br>Nazzjonalità: Russa<br><br>Sess: raġel<br><br>Entitajiet assoċjati:<br><br>— Ċentru għat-Taħriġ Sportiv Militari u l-edukazzjoni patrijottika taż-żgħażagħ ”WARRIOR”<br><br>— All-Russian public-state movement of children and youth ”Movement of the First” | Igor Kazarezov huwa l-President taċ-Ċentru għat-Taħriġ Sportiv Militari u l-edukazzjoni patrijottika taż-żgħażagħ ”WARRIOR”. Iċ-Ċentru WARRIOR huwa organizzazzjoni taż-żgħażagħ immexxija mill-Istat stabbilita fil-Federazzjoni Russa biex trawwem l-edukazzjoni patrijottika u militari. Huwa appoġġat mill-President tal-Federazzjoni Russa, li ta struzzjonijiet liċ-Ċentru WARRIOR biex jaħdem f'kooperazzjoni mill-qrib mal-parteċipanti fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Iċ-Ċentru WARRIOR qed iwettaq ukoll attivitajiet fit-territorji okkupati illegalment tal-Ukrajna, permezz ta' fergħat lokali.<br><br>Iċ-Ċentru WARRIOR wettaq ukoll diversi proġetti mal-All-Russian public-state movement of children and youth ”Movement of the First”, entità elenkata mill-Unjoni.<br><br>Għalhekk, Igor Kazarezov qed jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Igor Kazarezov huwa assoċjat ukoll mal-All-Russian public-state movement of children and youth ”Movement of the First”. | 24.2.2025 |

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 1898. | Kristina Andreevna POTUPCHIK<br><br>bir-Russu: Кристина Андреевна ПОТУПЧИК | Funzjoni: Personalità tal-media<br><br>Data tat-twelid: 19.1.1986<br><br>Post tat-twelid: Murom, USSR (issa Russian Federation)<br><br>Nazzjonalità: Russa<br><br>Sess: mara<br><br>Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 332891812110 | Kristina Potupchik hija blogger u imprenditur tal-media Russa. Hija l-fundatriċi tal-aġenzija tal-komunikazzjoni K2 li tmexxi media soċjali u kampanji ta' informazzjoni għall-klijenti, fil-biċċa l-kbira klijenti kkontrollati mill-Gvern Russu, li għalihom ixxerred miżinformazzjoni dwar il-gwerra fl-Ukrajna u tiddeleġittimizza l-integrità territorjali u s-sovranità tal-Ukrajna.<br><br>Bħala kofundatriċi tal-Assoċjazzjoni tat-Teknoloġisti tal-Internet hija parti min-network ta' ANO Digital u hija marbuta mill-qrib mal-politika ta' miżinformazzjoni u propaganda ta' ANO Digital. F'dak ir-rwol, Kristina Potupchik għamlet vjaġġi lejn ir-reġjuni tal-Ukrajna okkupati mir-Russja, speċjalment Mariupol, fejn xerrdet pubblikament informazzjoni falza dwar id-delitti tal-gwerra Russi u l-Gvern Ukren.<br><br>Għalhekk, Kristina Potupchik qed tappoġġa azzjonijiet li jdgħajfu l-integrità territorjali tal-Ukrajna, u tappoġġa u tibbenefika mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa. | 24.2.2025 |
| 1899. | Sergey Vladimirovich MOKEEV<br><br>bir-Russu: Сергей Владимирович МОКЕЕВ | Funzjoni: Direttur Ġenerali ta' JSC "Novo-Vyatka"<br><br>Nazzjonalità: Russa<br><br>Sess: raġel<br><br>Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 661215725483 | Sergey Mokeev huwa d-Direttur Ġenerali ta' JSC Novo-Vyatka. Billi hija manifattur ta' armi u munizzjon, JSC Novo-Vyatka hija entità tal-kumpless militari-industrijali Russu. Fl-2023 u l-2024, JSC Novo-Vyatka rċeviet sussidji mill-Istat taħt programm imfassal biex jiffinanzja t-taħriġ ta' ħaddiema tal-industrija militari ta' entitajiet magħżula. Billi huwa d-Direttur Ġenerali ta' JSC Novo-Vyatka, Sergey Mokeev huwa responsabbli għall-azzjonijiet tal-kumpanija. Għalhekk, Sergey Mokeev jappoġġa u jibbenefika mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. | 24.2.2025 |

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 1900. | LEE Chang Ho<br>bil-Korean: 리창호<br>bir-Russu: ЛИ Чхан Хо<br>magħruf ukoll bħala RI, Chang Ho<br>magħruf ukoll bħala RHEE, Chang Ho | Funzjonijiet: Logutenent Ġeneral tal-Armata tal-Poplu Korean, Kap tal-Uffiċċju Ġenerali tar-Rekonjizzjoni tal-Korea ta' Fuq, Kurunell Ġeneral<br>Data tat-twelid: 1967<br>Nazzjonalità: Nord Koreana<br>Sess: raġel | Lee Chang Ho kkoordina suldati tal-Korea ta' Fuq skjerati fil-kamp tal-battalja fl-Ukrajna, li setgħu ngħataw kompiti relatati mal-gwerra tal-gwerrilla irregolari. Għalhekk, huwa kien involut fil-parteċipazzjoni tas-suldati tal-Korea ta' Fuq fil-gwerra kontra l-Ukrajna. Huwa mexxa unitajiet ta' attakki ċibernetiċi bħal Lazarus u Kim Suki.<br>Għalhekk, Lee Chang Ho huwa responsabbli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet li jdgħajfu l-indipendenza tal-Ukrajna. | 24.2.2025 |
| 1901. | SHIN Geum Cheol<br>bil-Korean: 김금철<br>bir-Russu: СИН Гым Чхоль<br>magħruf ukoll bħala KIM, Geum Cheol<br>magħruf ukoll bħala KIM, Geum Chol<br>magħruf ukoll bħala KIM, Kum-Chol<br>magħruf ukoll bħala SIM, Kum-Chol | Funzjoni: Kap tad-Direttorat Operazzjonali Prinċipali tal-Istat Maġġur tal-Armata tal-Poplu Korean, Maġġur Ġeneral<br>Data tat-twelid: 1961<br>Nazzjonalità: Nord Koreana<br>Sess: raġel | Shin Geum Cheol huwa l-Kap tad-Direttorat Operazzjonali Prinċipali tal-Istat Maġġur tal-Armata tal-Poplu Korean tar-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea. Huwa uffiċjal militari ta' livell għoli li jissorvelja t-tmexxija prattika ta' operazzjonijiet, bħall-koordinazzjoni militari. Huwa għandu l-kompitu li jxerred tattiċi tal-gwerra Russi u moderni, bħal operazzjonijiet tad-droni, tattiċi tal-artillerija u teknoloġiji elettroniċi tal-gwerra, lill-armata tal-Korea ta' Fuq.<br>L-armata tal-Korea ta' Fuq hija involuta f'operazzjonijiet militari fir-Russja u fl-Ukrajna. Għalhekk, Shin Geum Cheol huwa responsabbli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet li jdgħajfu l-indipendenza tal-Ukrajna. | 24.2.2025 |
| 1902. | Alexey Vladislavovich GORSHKOV<br>bir-Russu: Алексей Владиславович ГОРШКОВ | Funzjoni: Direttur Ġenerali ta' JSC "Scientific Research Institute of Computing Complexes Named After M.A. Kartsev"<br>Nazzjonalità: Russa<br>Sess: raġel<br>Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 525716364389<br>Entitajiet assoċjati: JSC "Scientific Research Institute of Computing Complexes Named After M.A. Kartsev" | Alexey Gorshkov huwa d-Direttur Ġenerali ta' "JSC Scientific Research Institute of Computing Complexes Named After M.A. Kartsev", istitut ta' riċerka bbażat fir-Russja u involut fl-iżvilupp u l-produzzjoni ta' vetturi tal-ajru mingħajr bdot abbord (UAVs). Dan jipproduċa diversi tipi differenti ta' UAVs, li ġew ittestjati jew ser jiġu ttestjati mill-forzi armati Russi fil-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. Għalhekk, bħala d-Direttur Ġenerali ta' JSC "Scientific Research Institute of Computing Complexes Named After M. A. Kartsev", Alexey Gorshkov qed jappoġġa jew jimplimenta azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Barra minn hekk, huwa assoċjat ma' JSC "Scientific Research Institute of Computing Complexes Named After M. A. Kartsev". | 24.2.2025 |

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 1903. | Natalya Sergeevna VIRTUOZOVA<br><br>bir-Russu: Наталья Сергеевна ВИРТУОЗОВА | Funzjonijiet: Direttur Ġenerali tal-Autonomous Non-Commercial Organization ”Directorate of the Exhibition of Achievements ‘Russia’”; Direttur Ġenerali tan-National Center ”Russia”<br><br>Data tat-twelid: 30.1.1978<br><br>Post tat-twelid: Akhalkalaki, USSR (issa Georgia)<br><br>Nazzjonalità: Russa<br><br>Sess: mara<br><br>Numru ta’ Identifikazzjoni tat-Taxxa: 772878714381 | Natalya Virtuozova hija d-Direttur Ġenerali tal-Autonomous Non-Commercial Organization ”Directorate of the Exhibition of Achievements ‘Russia’”, li organizzat il-wirja u l-forum internazzjonali ”Russia” u issa tmexxi n-National Center ”Russia”. Natalya Virtuozova hija wkoll id-Direttur Ġenerali tan-National Center ”Russia”. F’Lulju 2024, il-President Putin iffirma digriet li jistabbilixxi n-National Center ”Russia” biex jippreserva l-wirt tal-wirja fuq bażi permanenti. Fil-wirja ”Russia”, kif ukoll fin-National Center ”Russia”, kien hemm wirjiet fuq it-territorji Ukreni okkupati illegalment, li huma ppreżentati bħala territorji tal-Federazzjoni Russa u jintwerew flimkien ma’ territorji Russi. Fil-wirja, isiru regolarment avvenimenti li jiċċelebraw l-okkupazzjoni Russa u l-annessjoni tat-territorji Ukreni. Għalhekk, bħala d-Direttur Ġenerali tal-Autonomous Non-Commercial Organization ”Directorate of the Exhibition of Achievements ‘Russia’” u n-National Center ”Russia”, Natalya Virtuozova qed tappoġġa u timplimenta politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 24.2.2025 |
| 1904. | Sergey Nikolaevich ATLIVANCHIK<br><br>bir-Russu: Сергей Николаевич АТЛИВАНЧИК | Funzjoni: Direttur Ġenerali ta’ LLC Eliars<br><br>Data tat-twelid: 11.1.1980<br><br>Nazzjonalità: Russa<br><br>Sess: raġel<br><br>Numru ta’ Identifikazzjoni tat-Taxxa: 773514103490<br><br>Entitajiet assoċjati: LLC Eliars | Sergey Atlivanchik huwa d-Direttur Ġenerali ta’ LLC Eliars, li hija kumpanija Russa involuta fl-iżvilupp u l-produzzjoni ta’ tagħmir tal-microwave. Żviluppat u pproduċiet is-sistema Zont (Umbrella), sistema kontra d-droni li tippermetti l-qerda tas-sinjal għal vetturi tal-ajru mingħajr bdot abbord. Is-sistema Zont intużat mill-forzi armati Russi fil-gwerra ta’ aggressjoni kontra l-Ukrajna. Għalhekk, fir-rwol tiegħu bħala d-Direttur Ġenerali ta’ LLC Eliars, Sergey Atlivanchik qed jappoġġa azzjonijiet li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 24.2.2025 |

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 1905. | Fidail Ilkhatovich BIKBULATOV<br>bir-Russu: Фидаиль Ильхатович БИКБУЛАТОВ | Funzjoni: Kap tal-Kwartieri Ġenerali Reġjonali tal-All-Russian ”Young Army” Military Patriotic Social Movement (Yunarmiya) fir-reġjun ta' Zaporizhzhia anness illegalment<br>Data tat-twelid: 14.8.1994<br>Nazzjonalità: Russa<br>Sess: raġel<br>Entità assoċjata: All-Russian ”Young Army” Military Patriotic Social Movement (Yunarmiya) | Fidail Bikbulatov huwa l-Kap tal-Kwartieri Ġenerali Reġjonali tal-All-Russian ”Young Army” Military Patriotic Social Movement (Yunarmiya) fir-reġjun ta' Zaporizhzhia okkupat illegalment. Huwa kien involut fil-ħtif tal-massa, id-deportazzjoni illegali u t-trasferiment furzat ta' tfal Ukreni minn territorji okkupati tal-Ukrajna lejn ir-Russja.<br>Huwa ħa sehem attiv fil-militarizzazzjoni tat-tfal Ukreni fir-reġjun ta' Zaporizhzhia okkupat illegalment. Huwa xerred ukoll propaganda favur ir-Russja u narrattivi kontra l-Ukrajna u ħeġġeġ lit-tfal jingħaqdu mal-Yunarmija, filwaqt li enfasizza t-taħriġ militari bħala wieħed mill-vantaġġi. Barra minn hekk, huwa kien involut b'mod attiv fir-reklutaġġ ta' voluntiera biex jiġġieldu flimkien mal-Forzi Armati Russi fil-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna.<br>Għalhekk, Fidail Bikbulatov qed jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Barra minn hekk, huwa assoċjat ma' Yunarmiya. | 24.2.2025 |
| 1906. | Sergey Georgievich DREGVAL<br>bir-Russu: Сергей Георгиевич ДРЕГВАЛЬ | Funzjoni: Direttur Ġenerali ta' PJSC Inter RAO<br>Data tat-twelid: 21.9.1971<br>Nazzjonalità: Russa<br>Sess: raġel | Sergey Dregval huwa d-Direttur Ġenerali u l-President tal-Bord tat-Tmexxija ta' PJSC Inter RAO, li hija waħda mill-akbar kumpaniji tal-enerġija tar-Russja u li hija kkontrollata mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa. L-azzjonisti ta' PJSC Inter RAO jinkludu Rosneftgaz, wieħed mill-akbar kontribwenti ta' dividendi għall-baġit tal-Federazzjoni Russa. PJSC Inter RAO hija l-importatur/esportatur ewlieni tal-elettriku fir-Russja. Fil-kapaċità tiegħu bħala d-Direttur Ġenerali tagħha, Sergey Dregval għandu l-kompitu li jiżgura s-sors ta' dħul għall-Istat li jippermetti l-finanzjament tal-aggressjoni kontra l-Ukrajna.<br>Għalhekk Servey Dregval huwa negozjant ewlieni li jopera fir-Russja u huwa involut f'settur ekonomiku li jipprovdi sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.<br>Barra minn hekk, qed jappoġġa finanzjarjament u jibbenefika mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. | 24.2.2025 |

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 1907. | Vladimir Petrovich KOLBIN<br><br>bir-Russu: Владимир Петрович КОЛБИН | Data tat-twelid: 10.6.1975<br><br>Nazzjonalità: Russa<br><br>Sess: raġel<br><br>Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 780518161631<br><br>Individwi assoċjati: Vladimir Putin; Gennady Timchenko | Vladimir Kolbin huwa iben Peter Kolbin, ħabib tat-tfulija u soċju fin-negozju ta' Vladimir Putin. Vladimir Kolbin qed jaġixxi bħala rappreżentant, direttur jew azzjonist ta' diversi entitajiet li jappartjenu għal network ta' kumpaniji u entitajiet azzjonarji li jiżguraw l-assi finanzjarji ta' Vladimir Putin u Gennady Timchenko.<br><br>Għalhekk Vladimir Kolin jibbenefika materjalment u finanzjarjament minn persuni Russi li jieħdu d-deċiżjonijiet responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea jew għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.<br><br>Huwa assoċjat ma' Vladimir Putin u Gennady Timchenko. | 24.2.2025 |
| 1908. | Konstantin Ivanovich STRUKOV<br><br>bir-Russu: Константин Иванович СТРУКОВ | Funzjonijiet: President tal-Yuzhuralzoloto Group of Companies<br><br>Data tat-twelid: 10.9.1958<br><br>Post tat-twelid: Dimitrovo, Ileksky district, Orenburg region, USSR (issa Russian Federation)<br><br>Nazzjonalità: Russa<br><br>Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 741600653047 | Konstantin Strukov huwa negozjant Russu. Huwa l-President u l-azzjonist ewlieni tal-Yuzhuralzoloto Group of Companies (li jinkludi UGC, waħda mill-kumpaniji ewlenin tad-deheb u tal-estrazzjoni fil-Federazzjoni Russa).<br><br>Konstantin Strukov huwa għalhekk involut f'settur ekonomiku li jipprovdi sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa. | 24.2.2025 |

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 1909. | Zhou DACHUANG<br>biċ-Ċiniż: 周大创<br>magħruf ukoll bħala Jason Zhou<br>magħruf ukoll bħala Jason Chou | Funzjoni: President taċ-China Head Aerospace Technology LLC<br>Sess: raġel<br>Nazzjonalità: Ċiniża | Zhou Dachuang huwa l-President ta' China Head Aerospace Technology LLC.<br>Iċ-China Head Aerospace Technology hija ditta bbażata fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina speċjalizzata fil-produzzjoni ta' immaġnijiet bis-satellita. Id-ditta hija fornitur uffiċjali ta' data ta' telerilevament lid-ditta Russa Rakurs, li hija fornitur tal-Ministeru għad-Difiża tar-Russja.<br>Din il-kooperazzjoni kummerċjali, li daħlet fis-seħħ ftit ġimgħat wara l-bidu tal-gwerra fl-Ukrajna, inkludiet il-programm ta' software fotogrammetriku PHOTOMOD li huwa s-sistema ta' detezzjoni topografika ewlenija użata mid-Direttorat Topografiku Militari tal-Istat Maġġur tal-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa. Fil-kuntest ta' dak il-programm, China Head Aerospace Technology ipprovdiet settijiet ta' data topografika u servizzi satellitari oħra, li Rakurs qiegħdet għad-dispożizzjoni tal-klijenti ta' PHOTOMOD, inkluż tal-Istat Maġġur tal-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa.<br>Billi appoġġa materjalment lill-Istat Maġġur tal-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa permezz tal-forniment ta' data topografika u servizzi satellitari bħala President taċ-China Head Aerospace Technology, Zhou Dachuang għalhekk jappoġġa azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità jew l-istabbiltà tal-Ukrajna, u jappoġġa lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. | 24.2.2025 |

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 1910. | Anatoly Andreevich KOVALEV<br>bir-Russu: Анатолий Андреевич КОВАЛЕВ | Funzjoni: Direttur Ġenerali ta' JSC Zelenograd Nanotechnology Center<br>Data tat-twelid: 7.1.1961<br>Nazzjonalità: Russa<br>Sess: raġel<br>Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 773500090210<br>Entitajiet assoċjati:<br>— JSC Zelenograd Nanotechnology Center<br>— Mikron JSC | Anatoly Kovalev huwa d-Direttur Ġenerali ta' JSC Zelenograd Nanotechnology Center, kumpanija Russa tar-riċerka u l-manifattura li qed tiżviluppa u tipproduċi komponenti elettroniċi ta' teknoloġija avvanzata, inkluż għall-iżvilupp tal-kumpless militari-industrijali Russu. Qed topera fiż-Żona Ekonomika Speċjali "Technopolis Moscow". Għal kumpaniji li joperaw f'dik iż-żona ekonomika speċjali, il-Gvern Russu joffri reġim speċjali ta' taxxa, li jinkludi taxxa fuq l-introjtu aktar baxxa u l-ebda taxxa fuq il-proprjetà, taxxa fuq it-trasport jew dazji doganali. Il-kumpanija tibbenefika mill-fatt li topera f'ambjent privileġġat offrut mill-Gvern Russu. Bħala d-Direttur Ġenerali ta' JSC Zelenograd Nanotechnology Center, Anatoly Kovalev għalhekk qed jibbenefika mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.<br>JSC Zelenograd Nanotechnology Center iffirmat ukoll ftehim ta' kooperazzjoni fit-tul biex tiżviluppa l-inġinerija elettronika domestika Russa ma' Mikron JSC, li hija l-akbar manifattur Russu tal-mikroelettronika, biex tipproduċi mikroċipep bl-għan li tissostitwixxi l-importazzjonijiet minn barra l-pajjiż. Mikron JSC għandha liċenzji amministrati mis-Servizz Federali tas-Sigurtà tal-Federazzjoni Russa (FSB). Peress li ġie ffirmat ftehim ta' kooperazzjoni fit-tul bejn iż-żewġ entitajiet għal attivitajiet konġunti, JSC Zelenograd Nanotechnology Center hija għalhekk assoċjata ma' Mikron JSC, li tikkostitwixxi entità li topera fis-settur Russu tal-IT b'liċenzja amministrata miċ-Ċentru tal-FSB għall-Għoti ta' Liċenzji, iċ-Ċertifikazzjoni u l-Ħarsien tas-Sigrieti tal-Istat. Bħala d-Direttur Ġenerali ta' JSC Zelenograd Nanotechnology Center, Anatoly Kovalev huwa għalhekk assoċjat ma' JSC Zelenograd Nanotechnology Center u Mikron JSC. | 24.2.2025 |

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 1911. | Igor Vladimirovich KHOMENKO<br><br>bir-Russu: Игорь Владимирович ХОМЕНКО | Funzjoni: Direttur Ġenerali ta' LLC TROS<br><br>Data tat-twelid: 23.8.1968<br><br>Nazzjonalità: Russa<br><br>Sess: raġel<br><br>Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 500103405838 | Igor Khomenko huwa d-Direttur Ġenerali, kofundatur u azzjonist ta' LLC TROS, li timmanifattura tagħmir tax-xogħol tal-metall u hija bejjiegħ bl-ingrossa ta' għodod tal-magni. Hija tirreklama ċentri ta' magni b'kapaċitajiet ta' użu doppju u hija parti minn network ta' akkwist biex tipprovdi tagħmir tax-xogħol tal-metall u għodod tal-magni fir-Russja.<br><br>Il-kumpanija tissodisfa kuntratti tal-Gvern Russu kif ukoll kuntratti ma' entitajiet li joperaw fis-settur tad-difiża Russu u elenkati mill-Unjoni talli appoġġaw lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.<br><br>Għalhekk, fir-rwol tiegħu bħala Direttur Ġenerali, kofundatur u azzjonist ta' LLC TROS, Igor Khomenko qed jappoġġa lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna, u huwa responsabbli għall-appoġġ ta' attivitajiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 24.2.2025 |
| 1912. | Sergey Petrovich USHKO<br><br>bir-Russu: Сергей Петрович УШКО | Funzjoni: CEO ta' LLC TROS<br><br>Data tat-twelid: 7.9.1969<br><br>Post tat-twelid: USSR (issa Belarus)<br><br>Nazzjonalità: Russa<br><br>Sess: raġel<br><br>Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 500103405690 | Segey Ushko huwa l-Uffiċjal Kap Eżekuttiv, kofundatur u azzjonist ta' LLC TROS, li timmanifattura tagħmir tax-xogħol tal-metall u hija bejjiegħ bl-ingrossa ta' għodod tal-magni. Hija tirreklama ċentri ta' magni b'kapaċitajiet ta' użu doppju u hija parti minn network ta' akkwist biex tipprovdi tagħmir tax-xogħol tal-metall u għodod tal-magni fir-Russja.<br><br>Il-kumpanija tissodisfa kuntratti tal-Gvern Russu kif ukoll kuntratti ma' entitajiet li joperaw fis-settur tad-difiża Russu u elenkati mill-Unjoni talli appoġġaw lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.<br><br>Għalhekk, fir-rwol tiegħu bħala Uffiċjal Kap Eżekuttiv, kofundatur u azzjonist ta' LLC TROS, Sergey Ushko qed jappoġġa lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna, u huwa responsabbli għall-appoġġ ta' attivitajiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 24.2.2025 |

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 1913. | Julia BARANOVSKAYA<br>bir-Russu: Юлия БАРАНОВСКАЯ<br>magħrufa wkoll bħala Yulia BARANOVSKAYA | Funzjoni: Personalità tal-media<br>Data tat-twelid: 30.6.1980<br>Post tat-twelid: Leningrad, USSR (issa St. Petersburg, Russian Federation)<br>Nazzjonalità: Russa<br>Sess: mara | Julia Baranovskaya hija preżentatriċi tat-televiżjoni u personalità tal-media Russa. Sa mill-bidu tal-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna, spiss appoġġat l-azzjonijiet tar-Russja li jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Għal dak l-għan, Julia Baranovskaya ospitat spettakli ta' propaganda sponsorjati mill-Kremlin li kellhom l-għan li jżidu l-appoġġ popolari Russu għall-invażjoni, inkluż billi jippromwovu pubblikament id-delitti tal-gwerra Russi bħad-deportazzjoni furzata ta' tfal Ukreni. Julia Baranovskaya mexxiet il-ġbir ta' fondi li kellhom l-għan li jiżguraw fondi għall-gwerra ta' aggressjoni Russa, fejn pubblikament wiegħdet li toffri fondi personali bħala premjijiet għat-twettiq tal-objettivi militari Russi fl-Ukrajna. Barra minn hekk, Julia Baranovskaya vjaġġat ripetutament lejn reġjuni okkupati mir-Russja fl-Ukrajna fejn ipprovdiet appoġġ materjali lil gruppi separatisti sponsorjati mir-Russja.<br>Għalhekk Julia Baranovskaya tappoġġa azzjonijiet jew politiki li jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna u wettqet tranżazzjonijiet mal-gruppi separatisti fir-reġjun ta' Donbas tal-Ukrajna. Hija tappoġġa wkoll lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. | 24.2.2025 |
| 1914. | Alexey Valerievich SHADRIN<br>bir-Russu: Алексей Валерьевич ШАДРИН | Funzjoni: Kofundatur ta' Promtech JSC.<br>Nazzjonalità: Russa<br>Sess: raġel<br>Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 500602952160<br>Entità assoċjata: Promtech JSC | Alexey Shadrin huwa azzjonist u kofundatur ta' Promtech JSC. Promtech JSC hija kumpanija azzjonarja Russa li importat ripetutament oġġetti ta' oriġini Ewropea waqt li dawk il-prodotti kienu soġġetti għal restrizzjonijiet Ewropej fuq l-esportazzjoni. B'mod partikolari, Promtech JSC importat dawk l-oġġetti permezz ta' network ta' sussidjarji Russi u permezz tal-kumpanija Torka Enutek Makina Sanayi Ve Ticaret. Għalhekk, Alexey Shadrin iffaċilita l-ksur tal-projbizzjoni kontra ċ-ċirkomvenzjoni tar-reġim ta' miżuri restrittivi tal-Unjoni imposta fuq il-Federazzjoni Russa. | 24.2.2025 |

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 1915. | Valery Vladimirovich SHADRIN<br>bir-Russu: Валерий Владимирович ШАДРИН | Funzjoni: Direttur Ġenerali ta' Promtech JSC<br>Nazzjonalità: Russa<br>Sess: raġel<br>Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 500601525214<br>Entità assoċjata: Promtech JSC | Valery Shadrin huwa Direttur Ġenerali ta' Promtech JSC. Promtech JSC hija kumpanija azzjonarja Russa li importat ripetutament oġġetti ta' oriġini Ewropea waqt li dawk il-prodotti kienu soġġetti għal restrizzjonijiet Ewropej fuq l-esportazzjoni. B'mod partikolari, Promtech JSC importat dawk l-oġġetti permezz ta' network ta' sussidjarji Russi u permezz tal-kumpanija Torka Enutek Makina Sanayi Ve Ticaret. Għalhekk, Valery Shadrin iffaċilita l-ksur tal-projbizzjoni kontra ċ-ċirkomvenzjoni tar-reġim ta' miżuri restrittivi tal-Unjoni imposta fuq il-Federazzjoni Russa. | 24.2.2025 |
| 1916. | Albert Alikovich AVDOLYAN<br>bir-Russu: Альберт Аликович АВДОЛЯН | Funzjoni: Negozjant Russu<br>Data tat-twelid: 8.11.1970<br>Post tat-twelid: Krasnodar, USSR (illum Russian Federation)<br>Nazzjonalità: Russa<br>Sess: raġel<br>Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 771471507326 | Albert Avdolyan huwa negozjant Russu b'interessi kummerċjali fis-settur tal-enerġija, speċjalment il-faħam u l-LNG. Permezz ta' diversi kumpaniji, b'mod partikolari A-Property-Holdings u Elgaugol, Albert Avodlyan għandu interessi sinifikanti fis-settur tal-infrastruttura tal-enerġija Russu, speċjalment il-faħam u l-LNG. Dawk is-setturi ekonomiċi jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa.<br>Għalhekk, Albert Avdolyan huwa negozjant Russu involut f'setturi ekonomiċi li jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Minħabba l-interessi kummerċjali tiegħu, huwa assoċjat mill-qrib ma' Rostec State Corporation. | 24.2.2025 |

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 1917. | Mikhail Sergeevich GALUSTYAN<br>bir-Russu: Михаил Сергеевич ГАЛУСТЯН | Data tat-twelid: 25.10.1970<br>Post tat-twelid: Sochi, Krasnodar Territory, USSR (illum Russian Federation)<br>Nazzjonalità: Russa<br>Sess: raġel<br>Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 232003782530 | Mikhail Galustyan huwa propagandist Russu, president tal-Federation of Military and Tactical Games u membru tat-tmexxija tal-All-Russian children's and youth military-patriotic movement "Yunarmiya", organizzazzjoni paramilitari Russa soġġetta għal miżuri restrittivi tal-Unjoni. Ilu żmien twil jappoġġa lil President Vladimir Putin u l-politiki tiegħu, u kien qed juża l-popolarità tiegħu biex ixerred messaġġi u narrattivi tal-propaganda tal-Kremlin.<br>Mikhail Galustyan huwa membru tat-tmexxija ta' Yunarmiya, li topera fergħat reġjonali li jinsabu fit-territorji okkupati illegalment u temporanjament tal-Ukrajna. Din torganizza wkoll ġbir ta' fondi u attivitajiet biex tappoġġa l-kumbattenti li jieħdu sehem fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Yunarmiya u l-membri tagħha jappoġġaw il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u jxerrdu propaganda Russa dwar il-gwerra. Yunarmiya tuża s-simbolu militari "Z", li jintuża mill-propaganda Russa biex tippromwovi l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna.<br>Barra minn hekk, Mikhail Galustyan huwa direttament responsabbli għall-attivitajiet ta' organizzazzjoni li tippromwovi l-militariżmu taż-żgħażagħ Russi. Huwa jappoġġa l-ħolqien ta' kamp tat-taħriġ bil-ħsieb li jintuża għal logħbiet tattiċi militari u għat-taħriġ ta' voluntiera għal "operazzjoni militari speċjali" mwettqa minn ġellieda li ħadu sehem fil-gwerra kontra l-Ukrajna.<br>Għalhekk, huwa qed jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 24.2.2025 |

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 1918. | Ruslan Stanislavovich OSTASHKO<br><br>bir-Russu: Руслан Станиславович ОСТАШКО | Funzjoni: Preżentatur tat-televiżjoni, blogger<br><br>Data tat-twelid: 18.2.1979<br><br>Post tat-twelid: Donetsk, Ukrainian SSR, USSR (issa Ukraine)<br><br>Nazzjonalità: Russa<br><br>Sess: raġel<br><br>Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 771615340575 | Ruslan Ostashko huwa personaġġ attiv fl-ispazju pubbliku Russu. Hu jaħdem bħala ġurnalist u preżentatur tat-televiżjoni fuq il-kanal TV Channel One tal-istat u huwa l-kantant ewlieni tal-grupp mużikali patrijottiku "Ours". Huwa wkoll il-kap editur tas-sit web "politrussia.com", sit web li jintuża biex jippromwovi n-narrattiva tal-Gvern Russu, inkluż dwar il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna.<br><br>Ruslan Ostashko huwa wkoll membru tal-organizzazzjoni mibdija minn Putin People's Front Central Headquarters (li qabel kienet magħrufa bħala All-Russia People's Front), entità elenkata taħt il-miżuri restrittivi tal-Unjoni.<br><br>Permezz tal-attivitajiet u l-pjattaformi ta' komunikazzjoni, il-proġetti u l-kunċerti mużikali tiegħu, Ruslan Ostashko jippromwovi b'mod attiv u jfaħħar l-armata Russa li tiġġieled fl-Ukrajna. Jorganizza attivitajiet ta' appoġġ u ġbir ta' fondi u jinvolvi ruħu ma' ġellieda Russi permezz ta' diversi proġetti.<br><br>Għalhekk, Ruslan Ostashko huwa responsabbli li b'mod attiv qed jappoġġa azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 24.2.2025 |

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 1919. | Denis Sergeyevich CHERNOBAY<br><br>bir-Russu: Денис Сергеевич ЧЕРНОБАЙ<br><br>bl-Ukren: Денис Сергійович ЧЕРНОБАЙ | Funzjoni: President tal-hekk imsejħa fergħa "Donetsk People Republic" ("Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk") tal-All-Russian public-state movement of children and youth "Movement of the First"<br><br>Data tat-twelid: 7.8.2002<br><br>Post tat-twelid: Donetsk region, Ukraine<br><br>Nazzjonalità: Ukrena<br><br>Sess: raġel<br><br>Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 614024966788 | Denis Chernobay huwa l-President tal-hekk imsejħa fergħa "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk" tal-All-Russian public-state movement of children and youth "Movement of the First", entità elenkata mill-Unjoni.<br><br>Fil-pożizzjoni tiegħu, Denis Chernobay kien involut b'mod attiv fl-organizzazzjoni ta' attivitajiet edukattivi mmirati lejn il-militarizzazzjoni tal-edukazzjoni u l-promozzjoni ta' propaganda tal-Federazzjoni Russa fir-reġjun okkupat illegalment ta' Donetsk fl-Ukrajna. Fil-pożizzjoni tiegħu, huwa pprovda wkoll appoġġ lill-militar Russu fit-territorji okkupati illegalment tal-Ukrajna.<br><br>Għalhekk, Denis Chernobay qed jappoġġa azzjonijiet li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Ukrajna. | 24.2.2025 |
| 1920. | Vladislav Yevgenyevich LOBAEV<br><br>bir-Russu: Владислав Евгеньевич ЛОБАЕВ | Funzjoni: President tal-Fondazzjoni "Lobaev Foundation"<br><br>Data tat-twelid: 4.4.1972<br><br>Post tat-twelid: Rostov-On-Don, USSR (illum Russian Federation)<br><br>Nazzjonalità: Russa<br><br>Sess: raġel<br><br>Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 402911672932 | Vladislav Lobaev huwa l-Kap Disinjatur tal-LLC Design Bureau of Integration Systems (LLC KBIS). Huwa wkoll wieħed mill-fundaturi tal-grupp ta' kumpaniji lobaev (inkluż LLC Trading House Lobaev Arms) u l-President tal-Fondazzjoni "Lobaev Foundation". "Lobaev Foundation" hija unità tal-grupp ta' entitajiet Lobaev u tiġbor fondi biex tiffinanzja l-proġetti ta' Lobaev Arms. L-azzarini ta' Lobaev Arms jintużaw mill-Forzi Armati Russi fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna.<br><br>Billi huwa l-fundatur tal-grupp ta' kumpaniji Lobaev u l-President tal-Fondazzjoni "Lobaev Foundation", Vladislav Lobaev huwa responsabbli għall-azzjonijiet tal-kumpaniji u għalhekk jappoġġa u jibbenefika finanzjarjament mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. | 24.2.2025 |

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 1921. | Vladimir Petrovich YEVTUSHENKOV<br><br>bir-Russu: Владимир Петрович ЕВТУШЕНКОВ<br><br>magħruf ukoll bħala Vladimir Petrovich EVTUSHENKOV<br><br>magħruf ukoll bħala Владимир Петрович ЕВТУШЕНКО | Funzjoni: Fundatur u azzjonist ta' Sistema<br><br>Data tat-twelid: 25.9.1948<br><br>Post tat-twelid: Kamenshchina, Smolensk district, Smolensk region, USSR (illum Russian Federation)<br><br>Nazzjonalità: Russa<br><br>Sess: raġel<br><br>Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 771000084662 | Vladimir Yevtushenkov ilu azzjonist ta' Sistema minn mindu l-kumpanija twaqqfet fl-1993. Sistema hija konglomerat b'interessi kummerċjali f'diversi setturi tal-ekonomija Russa li fihom hija rrappreżentata bis-sjieda jew bil-kontroll ta' kumpaniji li jinkludu Agroholding Steppe (agrikoltura), BESK (enerġija), Binnofarm (farmaċewtika), Cosmos Hotel Group (turiżmu), Element (elettronika), Intourist (turiżmu), Medsi (kura tas-saħħa), Ozon (kummerċ elettroniku), Region AO (industrija militari) u Segezha (industrija tal-foresti, tax-xogħol bl-injam, tal-polpa u tal-karta). Sistema hija involuta wkoll fis-setturi tal-informazzjoni, il-komunikazzjoni u t-teknoloġiji diġitali, inkluż permezz tas-sehem tagħha fil-Mobile TeleSystems (MTS) Public Joint Stock Company, kif ukoll fis-servizzi bankarji, billi MTS-Bank hija proprjetà ta' MTS Public Joint Stock Company permezz ta' Mobile TeleSystems B.V.. Permezz ta' BESK u s-sussidjarji tagħha Bashkirenergo, BSK u BESK Engineering, Sistema hija involuta fis-settur tal-enerġija li jipprovdi dħul sostanzjali għall-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Vladimir Yevtushenkov kien is-sid maġġoritarju f'Sistema sa April 2022 meta ttrasferixxa parti tas-sehem tiegħu lil ibnu, Felix Vladimirovich Yevtushenkov. Għalhekk, Vladimir Yevtushenkov huwa negozjant involut f'settur ekonomiku li jipprovdi sors sostanzjali ta' dħul għall-Gvern tal-Federazzjoni Russa.<br><br>Vladimir Yevtushenkov għandu relazzjoni fit-tul mal-President Vladimir Putin u kien preżenti fil-laqgħa tan-negozjanti fil-Kremlin mal-President Putin dakinhar li bdiet l-invażjoni tal-Ukrajna fl-24 ta' Frar 2022. Vladimir Yevtushenkov għandu sehem ta' 49,2 % f'Sistema, jippresiedi l-Kumitat dwar il-Politika Industrijali tal-Unjoni Russa ta' Industrijalisti u Imprendituri (RSPP), huwa membru tal-Bureau fil-Bord tal-RSPP, jikkopresiedi l-Kunsill Kummerċjali bejn ir-Russja u l-Arabja Sawdija u huwa membru tal-Kunsill Ekonomiku bejn ir-Russja u l-Arabja Sawdija kif ukoll tal-Kunsill Nazzjonali dwar il-Governanza Korporattiva. Għalhekk Vladimir Yevtushenkov huwa negozjant ewlieni li jopera fir-Russja. | 24.2.2025 |

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 1922. | Boris Yurievich BOGATYREV<br><br>bir-Russu: Борис Юрьевич БОГАТЫРЕВ | Funzjoni: Direttur Ġenerali ta' LLC Stan<br><br>Data tat-twelid: 10.10.1962<br><br>Nazzjonalità: Russa<br><br>Sess: raġel<br><br>Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 772883227376 | Boris Bogatyrev huwa d-Direttur Ġenerali tal-LLC Stan. LLC Stan hija kumpanija Russa attiva fil-qasam tad-disinn u l-produzzjoni ta' tagħmir ta' għodod tal-magni. LLC Stan tforni magni ta' kontroll tat-tħaffir u tat-tħin għal industriji tat-teknoloġija avvanzata, u topera taħt it-tmexxija ta' RT-Capital ta' Rostec State Corporation. Il-magni tagħha (inkluż il-mudell VMB 55) jiġu pprovduti lill-kumpaniji fl-industriji tal-inġenji tal-ajru, tal-bini ta' magni u tad-difiża. Għaldaqstant, LLC Stan tappoġġa u tibbenefika mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Billi huwa d-Direttur Ġenerali ta' LLC Stan, Boris Bogatyrev huwa responsabbli għall-azzjonijiet tal-kumpanija u huwa assoċjat mal-kumpanija.<br><br>Barra minn hekk, Boris Bogatyrev huwa l-President ta' Moscow Regional Union of Industrialists and Entrepreneurs, assoċjazzjoni reġjonali tal-impjegaturi. | 24.2.2025 |
| 1923. | Nikita Vladimirovich NAGORNY<br><br>bir-Russu: Никита Владимирович НАГОРНЫЙ | Funzjoni: Viċi President tal-Bord ta' All-Russian Social and State movement of children and youth "Movement of the First"<br><br>Data tat-twelid: 12.2.1997<br><br>Post tat-twelid: Rostov-on-Don, Russian Federation<br><br>Nazzjonalità: Russa<br><br>Sess: raġel | Nikita Nagorny huwa Viċi President tal-Bord ta' All-Russian public-state movement of children and youth "Movement of the First" u l-eks kap tal-persunal ġenerali ta' All-Russia "Young Army" Military Patriotic Social Movement (Yunarmiya). Huwa kien involut fil-ħtif tal-massa, id-deportazzjoni illegali u t-trasferiment furzat ta' tfal Ukreni minn territorji okkupati tal-Ukrajna lejn ir-Russja.<br><br>F'Marzu 2022, Nikita Nagorny offra li jibgħat rigali lit-truppi Russi li kienu qed jiġġieldu fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna.<br><br>Nikita Nagorny huwa atleta prominenti b'udjenza kbira u influwenza sinifikanti fuq is-sostenituri tiegħu. Huwa jappoġġa pubblikament l-azzjonijiet tal-Federazzjoni Russa fl-Ukrajna. Bl-influwenza tiegħu, huwa responsabbli għat-tixrid ta' propaganda favur ir-Russja u diżinformazzjoni rigward il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, kif ukoll għar-rwol attiv biex jiġbor l-appoġġ domestiku fir-Russa għall-gwerra kontra l-Ukrajna.<br><br>Għalhekk, Nikita Nagorny qed jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 24.2.2025 |

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 1924. | Aleksandr Vyacheslavovich SYCHUGOV<br><br>bir-Russu: Александр Вячеславович СЫЧУГОВ | Funzjoni: Direttur Ġenerali ta' JSC "Voskresensky Aggregation Factory"<br><br>Data tat-twelid: 29.9.1962<br><br>Nazzjonalità: Russa<br><br>Sess: raġel | Aleksandr Sychugov huwa d-Direttur Ġenerali ta' JSC "Voskresensky Aggregation Factory" u qabel kien id-Direttur Ġenerali ta' Federal State Enterprise "Voskresensk State Aggregate Plant" mill-24 ta' Settembru 2018 sar-riorganizzazzjoni tal-kumpanija fil-31 ta' Jannar 2023. Għalhekk, Sychugov kien u għadu d-Direttur Ġenerali u għalhekk il-persuna ewlenija li tieħu d-deċiżjonijiet fi "Voskresensky Aggregation Factory" sa mill-24 ta' Settembru 2018.<br><br>JSC "Voskresensky Aggregation Factory" (li qabel kienet Federal State Enterprise "Voskresensk State Aggregate Plant") tibni missili ggwidati kontra l-inġenji tal-ajru, missili ggwidati mill-ajru għall-ajru u mill-ajru għall-wiċċ, missili kruċiera, bombi bi splussiv qawwi mitluqin mill-ajru (FABs) u FABs imtejba b'moduli unifikati ta' gliding u korrezzjoni li jittrasformaw lil bombi Russi f'waqgħa ħielsa f'bombi ggwidati. Il-valur nett tal-assi ta' JSC "Voskresensky Aggregation Factory" fil-31 ta' Diċembru 2023 kien ta' RUB 2 027 159 762,00.<br><br>L-azzjonist ta' JSC "Voskresensky Aggregation Factory" huwa JSC Concern VKO Almaz-Antey (entità elenkata taħt ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 833/2014 tal-31 ta' Lulju 2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna u r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 269/2014 tas-17 ta' Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna), manifattur tal-armi tal-Istat Russu li jiżviluppa sistemi ta' difiża u ta' missili kruċieri kontra l-inġenji tal-ajru għall-militar Russu. B'hekk, JSC "Voskresensky Aggregation Factory" hija waħda mill-aktar manifatturi importanti ta' sistemi ta' missili tad-difiża tal-ajru fil-Federazzjoni Russa. Ir-Russja tuża armi minn JSC "Voskresensky Aggregation Factory" fl-Ukrajna, inkluż f'attakki fuq miri ċivili. Bħala d-Direttur Ġenerali, Sychugov ilu l-persuni ewlenija li tieħu d-deċiżjonijiet minn Settembru 2018. Għaldaqstant, huwa responsabbli għall-użu fl-Ukrajna ta' armi manifatturati minn JSC "Voskresensky Aggregation Factory".<br><br>Għalhekk, Aleksandr Sychugov, bħala d-Direttur Ġenerali ta' JSC "Voskresensky Aggregation Factory" huwa responsabbli għal azzjonijiet li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Peress li l-kumpanija hija fornitur ta' tagħmir militari lill-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa, Aleksandr Sychugov qed jibbenefika wkoll minn persuni Russi li jieħdu d-deċiżjonijiet responsabbli għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. | 24.2.2025 |

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 1925. | Vadim Aleksandrovich BADEKHA<br><br>bir-Russu: Вадим Александрович БАДЕХА | Funzjoni: CEO ta' United Aircraft Corporation<br><br>Data tat-twelid: 27.7.1979<br><br>Post tat-twelid: Sosva settlement, Serovsky district, Sverdlovsk region, USSR (illum Russian Federation)<br><br>Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 772614711927<br><br>Entità assoċjata: PJSC United Aircraft Corporation | Vadim Badekha huwa d-Direttur Ġenerali ta' United Aircraft Corporation (UAC). UAC hija manifattur Russu ta' inġenji tal-ajru ċivili u militari u hija fornitur importanti għall-Ministeru għad-Difiża Russu, li qed jamministra l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna.<br><br>L-inġenji tal-ajru tal-ġlied prodotti minn UAC jintużaw mir-Russja fil-gwerra ta' aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna.<br><br>Għalhekk, permezz tal-pożizzjoni tiegħu bħala d-Direttur Ġenerali ta' UAC, Vadim Badekha huwa responsabbli għall-appoġġ materjali ta' azzjonijiet li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.<br><br>Vadim Badekha huwa assoċjat ma' PJSC United Aircraft Corporation. | 24.2.2025 |
| 1926. | Vadim Valerievich STARTSEV<br><br>bir-Russu: Вадим Валерьевич СТАРЦЕВ | Funzjoni: Maniġer Ġenerali ta' JSC NPO "Orion"<br><br>Data tat-twelid: 12.4.1970<br><br>Nazzjonalità: Russa<br><br>Sess: raġel<br><br>Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 770304284968<br><br>Entità assoċjata: JSC NPO "Orion" | Vadim Startsev huwa l-Maniġer Ġenerali ta' JSC NPO "Orion", kumpanija Russa tar-riċerka u l-manifattura li qed tiżviluppa u tipproduċi komponenti elettroniċi ta' teknoloġija avvanzata, inkluż għall-iżvilupp tal-kumpless militari-industrijali Russu. JSC NPO "Orion" tappartjeni għall-impriża JSC Shvabe, li tipprovdi sistemi ottiċi u tal-laser manufatturati lill-Forzi Armati Russi, li jintużaw fil-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. Għalhekk, bħala l-Manaġer Ġenerali ta' JSC NPO "Orion", Vadim Valerievich Startsev qed jappoġġa materjalment lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. Barra minn hekk, huwa assoċjat ma' JSC Shvabe, li hija responsabbli għall-appoġġ materjali ta' azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 24.2.2025 |

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 1927. | Aleksandr Vyacheslavovich ZAKHAROV<br><br>bir-Russu: Александр Вячеславович ЗАХАРОВ<br><br>magħruf ukoll bħala Aleksandr Vjačeslavovič ZACHAROV | Funzjoni: Sid ta' LLC CST<br><br>Data tat-twelid: 21.9.1965<br><br>Post tat-twelid: Izhevsk, Udmurt Republic, USSR (illum Russian Federation)<br><br>Nazzjonalità: Russa<br><br>Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 183111242406<br><br>Entitajiet assoċjati:<br><br>— LLC CST<br><br>— JSC Kalashnikov Concern | Alexander Zakharov huwa azzjonist maġġoritarju ta' LLC "CST" (magħrufa wkoll bħala Zala Aero), li hija involuta fl-iżvilupp, il-produzzjoni u l-operat ta' kumplessi ta' mmirar fl-ajru u vetturi tal-ajru mingħajr bdot (UAVs). LLC CST timmanifattura UAVs KUB u Lancet-1, użati mill-militar Russu fil-gwerra ta' aggressjoni tiegħu kontra l-Ukrajna. LLC CST hija elenkata mill-Unjoni. JCS Kalashnikov Concern, entità elenkata mill-Unjoni, hija azzjonista importanti ta' LLC CST.<br><br>Alexander Zakharov huwa wkoll id-disinjatur ewlieni ta' Aeroscan, li mill-inqas sa Ottubru 2023 kienet proprjetà ta' ibnu. Aeroscan hija involuta wkoll, flimkien ma' LLC CST, fl-iżvilupp u l-produzzjoni ta' UAVs użati mill-militar Russu fl-Ukrajna. Alexander Zakharov akkumpanja lill-President Vladimir Putin u lill-Ministru għad-Difiża Sergei Shoigu meta żaru s-sit tal-produzzjoni ta' Aeroscan għall-UAVs Lancet f'Settembru 2023 u fi Frar 2024, rispettivament.<br><br>Għalhekk, Alexander Zakharov qed jappoġġa azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, jew l-istabbiltà jew is-sigurtà fl-Ukrajna. Huwa qed jappoġġa wkoll materjalment lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa u huwa assoċjat ma' LLC CST u JSC Kalashnikov Concern. | 24.2.2025"; |

Entitajiet

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| "508. | Joint Stock Company NPO "Orion"<br>bir-Russu: Акционерное общество НПО "Орион"<br>magħrufa wkoll bħala Orion Scientific Production Association<br>magħrufa wkoll bħala AO НПО Орион | Indirizz: Trekhprudny 5, Moscow, Russian Federation<br>Tip ta' entità: Kumpanija b'Ishma Konġunti<br>Post tar-reġistrazzjoni: Trekhprudny 5, Moscow, Russian Federation<br>Data tar-reġistrazzjoni: 27.12.2012<br>Numru tar-reġistrazzjoni: 1127747292738<br>Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 7720770380<br>Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation | JSC NPO Orion hija kumpanija Russa tar-riċerka u l-manifattura li qed tiżviluppa u tipproduċi komponenti elettroniċi ta' teknoloġija avvanzata, inkluż għall-iżvilupp tal-kumpless militari-industrijali Russu. Tappartjeni għall-impriża JSC Shvabe, li tipprovdi sistemi ottiċi u tal-laser manufatturati lill-Forzi Armati Russi, li jintużaw fil-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. Għalhekk, JSC NPO Orion qed tappoġġa materjalment lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. Barra minn hekk, JSC NPO Orion hija assoċjata ma' JSC Shvabe, li hija responsabbli għall-appoġġ materjali ta' azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 24.2.2025 |
| 509. | Limited Liability Company "Alabuga Machinery"<br>bir-Russu: Общество с ограниченной ответственностью "Алабуга Машинери"<br>magħrufa wkoll bħala LLC Alabuga Machinery<br>magħrufa wkoll bħala OOO Алабуга Машинери | Indirizz: b. 5/12, SH-2 St., Special Economic Zone Alabuga, Yelabuga municipal district, municipality of Yelabuga, Tatarstan, Russian Federation, 432601<br>Tip ta' entità: Kumpanija b'Responsabbiltà Limitata<br>Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 1674003000 | LLC Alabuga Machinery hija produttur Russu ta' għodod tal-magni u gerijiet. Hija wkoll 100 % sussidjarja ta' LLC Alabuga Development, li hija 100 % sussidjarja ta' JSC Alabuga (soġġetta għal miżuri restrittivi tal-Unjoni mit-18 ta' Diċembru 2023). JSC Alabuga hija għalhekk is-sid benefiċjarju aħħari ta' LLC Alabuga Machinery.<br>LLC Alabuga Machinery tintuża għall-importazzjoni u l-assemblaġġ tad-droni Iranjani Shahed-136 pprovduti lir-Russja, u għandha rwol importanti fil-katina tal-provvista ta' dawk id-droni, li huma użati mill-Forzi Militari Russi waqt attakki fuq it-territorju tal-Ukrajna.<br>Għaldaqstant, LLC Alabuga Machinery hija responsabbli għall-appoġġ materjali jew finanzjarju ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Barra minn hekk, hija assoċjata maż-Żona Ekonomika Speċjali JSC Alabuga, responsabbli wkoll għall-appoġġ materjali jew finanzjarju ta' azzjonijiet li dgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 24.2.2025 |

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 510. | Public Joint Stock company ”Central Scientific and Production Association ‘Leninetz’”<br>bir-Russu: Публичное акционерное общество “Центральное Научно-Производственное Объединение ‘Ленинец’”<br>magħrufa wkoll bħala PJSC ”CSPA ‘LENINETZ’”<br>magħrufa wkoll bħala PJSC ”CSPA ‘LENINETS’”<br>magħrufa wkoll bħala PJSC ”NPO ‘LENINETZ’”<br>magħrufa wkoll bħala ПАО ”ЦНПО ‘ЛЕНИНЕЦ’” | Indirizz: 212 Moskovsky Ave., St. Petersburg, Russian Federation<br>Indirizz: 34 Yuri Gagarin Ave., St. Petersburg, Russian Federation, 196143<br>Tip ta’ entità: Kumpanija Pubblika b’Ishma Konġunti<br>Post tar-reġistrazzjoni: St. Petersburg<br>Numru tar-reġistrazzjoni: 1027804858146<br>Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation<br>Numru ta’ Identifikazzjoni tat-Taxxa: 7810240719<br>Email: office@npo-leninetz.ru<br>Tel: + 7 (812) 448-8001, + 7 (812) 610-9848 | PJSC ”Central Scientific and Production Association ‘Leninetz’” (PJSC CSPA Leninetz) hija kumpanija Russa speċjalizzata fl-iżvilupp u l-produzzjoni ta’ tagħmir tar-radar u tan-navigazzjoni, inkluż għall-benefiċċju tal-militar Russu. B’mod partikolari, PSJC CSPA Leninetz hija involuta fil-produzzjoni u l-iżvilupp tar-radar mill-ajru Zaslon, li b’mod partikolari jattrezza inġenji tal-ajru MiG-31 użati mill-militar Russu fl-Ukrajna.<br>Għalhekk, PJSC CSPA Leninetz qed tappoġġa azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 24.2.2025 |
| 511. | Joint Stock Company ”Holding Company ‘LENINETZ’”<br>bir-Russu: Акционерное Общество “Холдинговая Компания: “ЛЕНИНЕЦ”<br>magħrufa wkoll bħala AO “ЛЕНИНЕЦ”- ХОЛДИНГ’<br>magħrufa wkoll bħala JSC ‘Holding Company “LENINETZ”‘<br>magħrufa wkoll bħala JSC ”Holding Company ‘LENINETS’” | Indirizz: 212 Moskovsky Ave., St. Petersburg, Russian Federation<br>Tip ta’ entità: Kumpanija b’Ishma Konġunti<br>Post tar-reġistrazzjoni: St. Petersburg, Russian Federation<br>Numru tar-reġistrazzjoni: 1027804850369<br>Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation<br>Numru ta’ Identifikazzjoni tat-Taxxa: 7810221748 | JSC ”Holding Company ‘LENINETZ’” hija entità Russa li tikkontrolla lil PJSC ”Central Scientific and Production Association ‘Leninetz’” (PJSC ”CSPA ‘Leninetz’”). PJSC CSPA Leninetz hija kumpanija Russa speċjalizzata fl-iżvilupp u l-produzzjoni ta’ tagħmir tar-radar u tan-navigazzjoni, inkluż għall-benefiċċju tal-militar Russu. B’mod partikolari, PSJC CSPA Leninetz hija involuta fil-produzzjoni u l-iżvilupp tar-radar mill-ajru Zaslon, li b’mod partikolari jattrezza inġenji tal-ajru MiG-31 użati mill-militar Russu fl-Ukrajna.<br>Għalhekk, JSC ”Holding Company ‘LENINETZ’” qed tappoġġa azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 24.2.2025 |

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 512. | Center for Military Sports Training and patriotic education of youth ”WARRIOR”<br><br>bir-Russu: Центр военно-спортивной подготовки и патриотического воспитания молодежи<br><br>magħruf ukoll bħala WARRIOR Center | Indirizz: Moscow, Radio str., d. 7, Russian Federation<br><br>Tel: + 7 (495) 098-00-00<br><br>Email: info@crvsp.ru<br><br>Entitajiet assoċjati oħra: All-Russian public-state movement of children and youth ”Movement of the First” | Iċ-Ċentru għat-Taħriġ Sportiv Militari u l-edukazzjoni patrijottika taż-żgħażagħ ”WARRIOR” huwa organizzazzjoni taż-żgħażagħ immexxija mill-Istat stabbilita fil-Federazzjoni Russa biex tiżviluppa edukazzjoni patrijottika u militari. Huwa appoġġat mill-President tal-Federazzjoni Russa, li ta struzzjonijiet liċ-Ċentru WARRIOR biex jaħdem f'relazzjoni mill-qrib mal-parteċipanti fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Iċ-Ċentru WARRIOR qed iwettaq ukoll attivitajiet fit-territorji okkupati illegalment tal-Ukrajna, permezz ta' fergħat lokali.<br><br>Iċ-Ċentru WARRIOR wettaq ukoll diversi proġetti mal-All-Russian public-state movement of children and youth ”Movement of the First”, entità elenkata mill-Unjoni.<br><br>Għalhekk, iċ-Ċentru għat-Taħriġ Sportiv Militari u l-edukazzjoni patrijottika taż-żgħażagħ ”WARRIOR” qed jappoġġa jew jimplimenta azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Jappoġġa wkoll, materjalment jew finanzjarjament, lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna, jew jibbenefika minnu. Iċ-Ċentru għat-Taħriġ Sportiv Militari u l-edukazzjoni patrijottika taż-żgħażagħ ”WARRIOR” huwa assoċjat ukoll mal-All-Russian public-state movement of children and youth ”Movement of the First”. | 24.2.2025 |

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 513. | Joint Stock Company ”53 Arsenal”<br><br>bir-Russu: Акционерное общество ”53 Арсенал”<br><br>magħrufa wkoll bħala AO ”53 Arsenal”<br><br>magħrufa wkoll bħala 53 Arsenal PAO<br><br>magħrufa wkoll bħala AO 53 Арсенал<br><br>magħrufa ukoll bħala OAO 53 Арсенал | Indirizz: 606077, Russian Federation, Nizhny Novgorod Oblast, r-n Volodarskii, rp. Iuganets, ul. Parkovaia, 1<br><br>Tip ta' entità: Kumpanija b'Ishma Konġunti<br><br>Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation<br><br>Data tar-reġistrazzjoni: 18.2.2010<br><br>Numru tar-reġistrazzjoni: 1105249001120<br><br>Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation<br><br>Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 5214010100<br><br>KPP: 521401001<br><br>Entitajiet assoċjati: JSC Technodinamika | JSC 53 Arsenal hija kumpanija tal-industrija militari Russa. JSC 53 Arsenal tirrestawra u tipproduċi munizzjon li jintuża mill-forzi militari Russi fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Għalhekk, JSC 53 Arsenal tappoġġa materjalment lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna, u qed tibbenefika minnu.<br><br>Barra minn hekk, il-kumpanija omm ta' JSC 53 Arsenal hija JSC Technodinamika, u għalhekk JSC 53 Arsenal hija assoċjata ma' JSC Technodinamika. JSC Technodinamika hija manifattur ta' armi, munizzjon u prodotti tal-kimika u tal-avjazzjoni, u fornitriċi militari tal-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa. | 24.2.2025 |

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 514. | Federal State-Financed Institution of Science Physics and Technology Institute Named After A.F. Ioffe of the Russian Federation Academy of Sciences<br><br>bir-Russu: Федеральное государственное бюджетное учреждение науки Физико-технический институт им. А.Ф. Иоффе Российской академии наук<br><br>magħrufa wkoll bħala Ioffe Physics Institute<br><br>magħrufa wkoll bħala Ioffe Institute<br><br>magħrufa wkoll bħala Physical-Technical Institute named after A.F. Ioffe<br><br>magħrufa wkoll bħala ФТИ им. А.Ф. Иоффе<br><br>magħrufa wkoll bħala Физико-технический институт имени А.Ф. Иоффе РАН | Indirizz: 194021, Russian Federation, St. Petersburg, Ul. Politekhnicheskaya, 26<br><br>Tip ta' entità: Istituzzjoni Federali Ffinanzjata mill-Istat<br><br>Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation<br><br>Data tar-reġistrazzjoni: 3.1.2003 (ffundata fl-1918)<br><br>Numru tar-reġistrazzjoni: 1037804006998<br><br>Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 7802072267<br><br>KPP: 780201001<br><br>Tel: + 7 (812) 297-22-45, + 7 (812) 297-23-75, + 7 (812) 297-79-28, + 7 (921) 304-02-29<br><br>Email: post@mail.ioffe.ru, ftian@mail.ioffe.ru<br><br>Sit web: http://ioffe.ru | Physics and Technology Institute Named After A.F. Ioffe ("Ioffe Institute") huwa istituzzjoni Russa ffinanzjata mill-Istat li tiżviluppa u timmanifattura fl-oqsma tal-mikroelettronika, l-ottika u l-fiżika teknika. Il-Ioffe Institute jwettaq kompiti kritiċi ta' żvilupp ta' bażi ta' komponenti domestiċi fil-qasam tal-ottoelettronika, b'mod partikolari lasers għal diversi applikazzjonijiet. Il-Ioffe Institute jirċievi appoġġ finanzjarju u istituzzjonali mill-Istat għal dawk il-proġetti. Barra minn hekk, it-teknoloġiji żviluppati mill-Ioffe Institute jintużaw biex jissostitwixxu teknoloġiji importati f'industriji Russi importanti, inkluż fl-industrija militari. Għalhekk, il-Ioffe Institute jappoġġa lil u jibbenefika mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni illegali tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. | 24.2.2025 |

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 515. | Autonomous Non-Commercial Organization ”Directorate of the Exhibition of Achievements “‘Russia’” <br><br> bir-Russu: Автономная Некоммерческая Организация “Дирекция Выставки Достижений ‘Россия’” <br><br> magħrufa wkoll bħala National Center ”Russia” <br><br> magħrufa wkoll bħala AHO ”ДВД ‘Россия ‘” <br><br> magħrufa wkoll bħala Национальный центр ”Россия” | Indirizz: Krasnopresnenskaya embankment 14, Moscow, Russian Federation <br><br> Tip ta’ entità: Organizzazzjoni awtonoma mingħajr skop ta’ qligħ <br><br> Post tar-reġistrazzjoni: Brodnikov pereulok 7, Moscow, Russian Federation <br><br> Data tar-reġistrazzjoni: 9.3.2023 <br><br> Numru tar-reġistrazzjoni: 1237700185645 <br><br> Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation <br><br> Numru ta’ Identifikazzjoni tat-Taxxa: 9703137862 | L-Autonomous Non-Commercial Organization ”Directorate of the Exhibition of Achievements ‘Russia’”organizzat il-wirja u forum internazzjonali ”Russia” u issa tmexxi n-National Center ”Russia”. F’Lulju 2024, il-President Vladimir Putin iffirma ordni biex jistabbilixxi n-National Center ”Russia” biex jippreserva l-wirt tal-wirja fuq bażi permanenti. Fil-wirja ”Russia”, kif ukoll fin-National Center ”Russia”, kien hemm wirjiet fuq it-territorji Ukreni okkupati illegalment, li huma ppreżentati bħala territorji tal-Federazzjoni Russa u jintwerew flimkien ma’ territorji Russi. Fil-wirja, isiru regolarment avvenimenti li jiċċelebraw l-okkupazzjoni Russa u l-annessjoni tat-territorji Ukreni. Għaldaqstant, l-Autonomous Non-Commercial Organization ”Directorate of the Exhibition of Achievements ‘Russia’” qed tappoġġa u timplimenta politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 24.2.2025 |
| 516. | Limited Liability Company “Eliars” <br><br> bir-Russu: Общество с ограниченной ответственностью “Элиарс” <br><br> magħrufa wkoll bħala LLC Eliars <br><br> magħrufa wkoll bħala OOO Элиарс | Indirizz: Konstruktore Guskova 8, Moscow, Russian Federation <br><br> Tip ta’ entità: Kumpanija b’Responsabbiltà Limitata <br><br> Post tar-reġistrazzjoni: Moscow, Russian Federation <br><br> Data tar-reġistrazzjoni: 12.2.2015 <br><br> Numru tar-reġistrazzjoni: 1157746097629 <br><br> Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation <br><br> Numru ta’ Identifikazzjoni tat-Taxxa: 7735140825 <br><br> Individwi assoċjati: Sergey Nikolaevich Atlivanchik – Direttur Ġenerali | LLC Eliars hija kumpanija Russa involuta fl-iżvilupp u l-produzzjoni ta’ tagħmir tal-mikromewġ. Żviluppat u pproduċiet is-sistema Zont (Umbrella), sistema kontra d-droni li tippermetti l-qerda tas-sinjali għal vetturi tal-ajru mingħajr bdot abbord. Is-sistema Zont intużat mill-forzi armati Russi fil-gwerra ta’ aggressjoni kontra l-Ukrajna. Għaldaqstant, LLC Eliars qed tappoġġa, materjalment jew finanzjarjament, azzjonijiet li jheddu l-integrità territorjali tal-Ukrajna. | 24.2.2025 |

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 517. | Federal State Budgetary Educational Institution of Higher Education "Russian Presidential Academy of National Economy and Public Administration"<br><br>bir-Russu: Российская Академия Народного Хозяйства и Государственной Службы При Президенте Российской Федерации<br><br>magħrufa wkoll bħala Russian Presidential Academy of National Economy and Public Administration<br><br>magħrufa wkoll bħala RANEPA<br><br>magħrufa wkoll bħala ФГБОУ ВО "Российская Академия Народного Хозяйства и Государственной Службы При Президенте Российской Федерации" РАНХИГС | Indirizz: Vernadskogo prospect 82, Moscow, Russian Federation<br><br>Data tar-reġistrazzjoni: 6.11.1992<br><br>Numru tar-reġistrazzjoni: 1027739610018<br><br>Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation<br><br>Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 7729050901<br><br>Individwi assoċjati: Alexey Gennadyevich Komissarov – rettur | Il-Federal State Budgetary Educational Institution of Higher Education "Russian Presidential Academy of National Economy and Public Administration" (RANEPA) hija istituzzjoni federali ta' edukazzjoni għolja fil-Federazzjoni Russa. RANEPA hija l-istituzzjoni responsabbli għall-implimentazzjoni tal-hekk imsejjaħ programm "Time of Heroes", li tnieda fuq l-inizjattiva tal-President Russu biex jipprovdi taħriġ għas-suldati Russi li ġġieldu fil-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. L-għan tat-taħriġ huwa li jħejji lill-veterani Russi għal pożizzjonijiet maniġerjali fl-amministrazzjoni pubblika ta' kumpaniji tal-Istat, u b'hekk joffrilhom spinta sinifikanti fil-karriera talli ħadu sehem fil-gwerra. Għaldaqstant, il-Federal State Budgetary Educational Institution of Higher Education "Russian Presidential Academy of National Economy and Public Administration" qed tappoġġa lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. | 24.2.2025 |

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
